ĊERTIFIKAT FIL-

# QARI TAL-PROVI BIL-MALTI

2025-2026

KLIKKJATURA BOGĦOD



**LIVELL 5 (MQF)** | **KORS ONLINE**

um.edu.mt/arts/malti/korsijiet/cqp

Get QUALIFIED


L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

provi-malti.arts@um.edu.mt

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

kunsilltalmalti@gov.mt

# Il-programm ta' studju

**175 SIEGĦA TA' TAGĦLIM DIRETT**

It-taqsimiet-studju tal-ewwel nofs tal-kors (Frar 2025 - Ġunju 2025)

| | | |
|---|---|---|
| MAL1030 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 1 | 4 kretti |
| MAL1032 | Elementi tal-Fonoloġija tal-Malti | 4 kretti |
| MAL1040 | Elementi tal-Morfoloġija tal-Malti | 4 kretti |

It-taqsimiet-studju tat-tieni nofs tal-kors (Ottubru 2025 - Jannar 2026)

| | | |
|---|---|---|
| MAL1031 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 2 | 6 kretti |
| MAL1046 | Elementi Sintattiċi u l-Punteġġjatura | 2 kretti |
| MAL1047 | Aspetti Tekniċi fil-Preżentazzjoni tal-Ktieb | 2 kretti |
| MAL1048 | L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi | 2 kretti |
| MAL1049 | Proġett Prattiku fil-Qari tal-Provi | 6 kretti |

Dan il-kors ta' sena part-time jibda fit-13 ta' Frar 2025 u hu maħsub għal dawk li jixtiequ jirfinaw il-kitba bil-Malti. Il-lezzjonijiet isiru online: it-Tnejn u l-Ħamis mill-5:30pm sat-8:30pm. L-eżamijiet isiru fil-klassi: l-Università, l-Imsida, u l-Kampus tax-Xewkija wara l-ewwel u t-tieni nofs tal-kors.

Għal tagħrif ieħor ara s-sit www.um.edu.mt/arts/malti/korsijiet/cqp



Il-kors għalija kien strumentali biex nissoda l-ħiliet tiegħi fil-Malti u nindirizza l-inċertezzi li seta' kelli, minkejja li nikteb u nippubblika. Kors relattivament qasir, imma intensiv, u fih l-istudenti jingħataw attenzjoni kbira.

Matul il-kors għamilt ħbieb ġodda li jiġu, tista' tgħid, mill-isferi kollha tax-xogħol, fosthom kollegi Maltin li jgħixu u jaħdmu barra: fattur li jarrikkixxi l-kors.

**Dr Sergio Grech**
**Riċerkatur u edukatur**

# X'qed jistaqsu fuq il-kors

### Xi kwalifiki jrid ikolli biex napplika?

a) **Jekk tkun għalaqt it-23 sena sat-13 ta' Frar 2025**, tikkwalifika bħala applikant/a adult/a, u ma jkunux mistennija minnek kwalifiki partikolari, imma, jekk m'għandekx il-Malti fil-Livell Avvanzat mill-inqas bil-grad C, issirlek intervista minn bord li jistħarreġ għandekx it-tħejjija meħtieġa u d-dispożizzjoni xierqa biex tkun tista' ssegwi l-kors bi profitt.

b) **Jekk tkun għadek m'għalaqtx it-23 sena sat-13 ta' Frar 2025**, irid ikollok dak li normalment jitolbu minnek ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Università ta' Malta u trid tkun għaddejt mill-Malti fil-Livell Avvanzat mill-inqas bil-grad C.

### Dal-kors ta' liema Livell hu?
Il-kors huwa ta' Livell 5 fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki (MQF 5).

### Kemm jiswa l-kors, u meta rrid inħallas?
Il-kors fih żewġ partijiet. Kull parti tiswa €450. Il-ħlas isir separat fil-bidu ta' kull parti.

### Hemm xi għajnuna finanzjarja?
Il-kors hu eliġibbli għal skema ta' għajnuna:

- Il-Get Qualified li tagħti lil min hu impjegat sa 70% fi tnaqqis mit-taxxa jekk itemm il-kors b'suċċess.

### Qed nagħmel kors ieħor l-Università. Nista' napplika għal dan il-kors ukoll?
Ir-regolamenti tal-Università jgħidu li normalment min qed jagħmel xi kors universitarju ieħor, part-time jew full-time, xorta jista' jagħmel kors part-time bħal dan sakemm in-numru tal-kretti jkun jippermetti.

### Meta rrid napplika? U kif?
L-applikazzjonijiet miftuħin mis-sit tal-Università u jagħlqu **fil-31 ta' Jannar 2025 fis-2:00pm**. Fl-applikazzjoni niżżel l-indirizz elettroniku li tuża ta' spiss biex nikkuntattjawk fih. Jekk għandek il-Malti fil-Livell Avvanzat, importanti li tindika l-grad tiegħu. Tinkludix il-kwalifiki tiegħek minn universitajiet barranin. Tagħrif ieħor fuq l-applikazzjoni ssibu minn hawn.

### X'ċertifikati nikseb jekk jirnexxili ntemm il-kors b'suċċess?
Min jgħaddi mill-kors jingħatawlu:
a) Ċertifikat mill-Università ta' Malta (MQF 5),
b) Xhieda ta' Għarfien (warrant) mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u ismu/isimha jidher fil-lista uffiċjali tal-qarrejja tal-provi tal-Malti. Ix-Xhieda tiġġedded kull ħames snin b'test ta' konferma li juri li tkun għadek kompetenti fil-qari tal-provi bil-Malti.

Dan kors serju – ċertifikat ta' veru. Min jidħol għalih irid jaħdem ħafna, imma fl-aħħar għandu jkun kburi bir-riżultat li jikseb.

## L-għadd ta' qarrejja tal-provi tal-Malti kkwalifikati mill-kors sena b'sena






Il-Malti minn dejjem ħabbejtu, kemm f'xogħli kif ukoll għad-delizzju. Imma, bħal ħafna nies, kont nidħol fid-dubju meta niġi biex nikteb bil-Malti, tant li mhux l-ewwel darba li kont naqbad u nikteb bl-Ingliż. Madankollu, fija kont inħoss li din hija telfa.

Fl-aħħar iddeċidejt li ma rridx nibqa' naħsibha u nibda l-Kors fil-Qari tal-Provi. Dal-kors mhux biss ħarriġni sewwa fl-ortografija, imma fetaħli għajnejja għall-mod affaxxinanti li bih l-ilsien Malti jinħadem bħal biċċa bizzilla, u jintrabat mal-istorja ta' pajjiżna u l-esperjenza tal-poplu tagħna.

**Joanna Genovese**
**Direttur tat-Taħriġ u l-Iżvilupp**
**L-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS)**

Direttur: Prof. Manwel Mifsud • Koordinaturi: Dr Olvin Vella, Thomas Pace

Jekk għandek xi mistoqsija fuq il-kors, iktbilna:
provi-malti.arts@um.edu.mt

**www.um.edu.mt/arts/malti/korsijiet/cqp**